8 JAN 2025



# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 607**

**Il--Ħamis 5 ta' Diċembru, 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.09 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Toshera Schembri - Kunsilliera
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Leone Sciberras - Kunsillier
Carlo Scicluna - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 607.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

607.1.1 Inqraw ittri ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech, mis-Sur Leone Sciberras u mis-Sur Carlo Scicluna fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech, is-Sur Leone Sciberras u s-Sur Carlo Scicluna jkunu skużati.

## 607.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

607.2.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 606.3.17 u minflok il-kliem 'Is-Sur Carlo Scicluna żied jgħid li Triq Santa Duminka' jidħol il-kliem 'Is-Sur Carlo Scicluna żied jgħid li Triq Bieb is-Sultan'. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-minuti tal-laqgħa 606 ġew unanimament approvati kif emendati.

## 607.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

607.3.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar it-tiġdid tal-polza ta' assigurazzjoni ta' saħħa għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsill Lokali. Din il-polza tal-assigurazzjoni mal-Mapfre Middlesea hija ta' €70 għal kull persuna li tidħol fl-iskema. Fuq proposata tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-polza tal-assigurazzjoni għall-impjegati kollha u għall-membri kollha tal-Kunsill Lokali.

607.3.2 Is-Sindku semma l-ħtieġa li jinxtara *whiteboard* interattiv sabiex jintuża mill-klassijiet tal-*Life Long Learning*, minħabba li l-*overhead projector* li qed jintuża bħalissa huwa qadim u jeħtieġ li jinbidel. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri *whiteboard* interattiv.

607.3.3 Is-Sindku qal, illi permezz tal-iskema tal-fondi tal-LESA, kien ser jixtri *speakers portable*, *projector*, u *microphone*. L-iskop ta' dawn it-tagħmir huwa li jintużaw matul l-attivitajiet li ser jibdew jiġu organizzati ladarba tingħalaq Triq Ġużeppi Pace bħala żona semi-pedonali, nhar ta' Sibt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri *speakers portable*, *projector*, u *microphone*.

607.3.4 Is-Sindku informa lill-membri preżenti dwar l-attività 'Rigal b'Imħabba' li għandha l-għan li tiġbor rigali sabiex jitpoġġew taħt is-siġra tal-Milied fi Pjazza Kastilja, il-Belt Valletta. Dawn ir-rigali se jingħataw lil tfal li l-familja jew il-kustodji tagħhom m'humiex f'qagħda finanzjarja biex jixtrulhom rigali fil-Milied. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

607.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa kien għaddej xogħol ta' manutenzjoni fil-latrina pubblika fi Ġnien il-Kunsill, li hija temporanjament magħluqa minħabba atti ta' vandalizmu. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-pulizija kinux identifikaw lil

min kien responsabbli għall-vandalizmu. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien ser jibdel il-*CCTV* cameras fi Ġnien il-Kunsill sabiex jiġi miljorat il-livell ta' viżibilità, partikolarment matul il-lejl. Barra minn hekk, kien previst li jinxtraw *CCTV* cameras addizzjonali li ser jiġu nstallati faċċata tal-latrina l-ġdida, li hemm viċin l-għassa. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill jistax jinstalla *CCTV cameras* ġol-latrina pubblika. Is-Sindku qal illi ma jistgħux jiġu nstallati *CCTV cameras* fil-latrini. Is-Sindku spjega li l-Kunsill għadu għaddej b'diskussjoni ma' *Clean Malta* dwar l-*attendants* mal-latrina. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jekk ma jilħqux jitlestew it-tiswijiet tal-latrina sal-Milied, il-Kunsill għandu jikri żewġ *mobile toilets* u jitpoġġew fi Ġnien il-Kunsill.

607.3.6 Is-Sindku tkellem dwar it-tiżjin tal-Milied u qal li t-tiżjin kien kważi lest. Is-Sindku qal li nhar il-Ħadd, 8 ta' Diċembru 2024 ser issir il-mixgħela uffiċjali tad-dwal dekorattiv tat-toroq u li ser tittella' attività fis-6:00 ta' filgħaxija biex timmarka din l-okkażjoni. Għal din l-attività ġew mistiedna Jamie u Taryn minn 89.7 *Bay Radio* biex jixgħelu d-dwal dekorattiv. L-attività ser tinkludi wkoll il-parteċipazzjoni tal-għaqdiet lokali u l-banda tal-*iscouts*, li ser idoqqu *Christmas carols* biex jinħoloq ambjent festiv. Is-Sindku spjega li din l-attività ser issir mingħajr spejjeż għall-Kunsill u li matul din l-attivita' kien ser ikun hemm il-pulizija tal-komunita'.

607.3.7 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li fil-passat saru żewġ applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar għal żvilupp viċin iċ-ċimiterju, u spjega li l-Kunsill oġġezzjona għal waħda minnhom, li kienet tinvolvi żvilupp ta' numru ta' appartamenti. Is-Sindku żied jgħid li l-iżviluppatur ressaq proposta ġdida, li kienet diskussa mal-Kunsill qabel ma ġiet ssottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar. Din il-proposta kienet tinkludi l-estensjoni taċ-ċimiterju għal żvilupp ta' oqbra ġodda. Is-Sindku kompla jispjega li din il-proposta kienet ġiet diskussa fil-leġislatura preċedenti, u li l-Kunsill kien qabel ma' din il-proposta. Is-Sindku qal li l-iżviluppatur offra kumpens monetarju lill-Kunsill, li kien jikkonsisti f'€200,000 bħala kontribuzzjoni inizjali u €200,000 oħra fi żmien sena mill-ħruġ tal-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, biex jintużaw għal proġetti fil-komunità. Is-Sindku enfasizza li, f'każ li l-Kunsill jaqbel mal-proposta, ikun meħtieġ li jiffirma ftehim notarili rreġistrat. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk l-iżvilupp ikunx se jinfed maċ-ċimiterju eżistenti u s-Sindku wieġeb li l-iżviluppatur kien għaddej b'diskussjonijiet mal-Kurja dwar dan. Is-Sinjura Calleja ġustament osservat li jekk l-iżvilupp ma jkunx jinfed maċ-ċimiterju eżistenti, dan m'għandux jiġi ikkunsidrat bħala estensjoni tal-eżistenti. Is-Sindku sostna li f'dan il-każ, l-iżvilupp ta' ċimiterju ġdid viċin l-eżistenti għandu jiġi approvat bħala soluzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizzat li, f'każ li l-Kunsill jaqbel mal-iżvilupp ta' ċimiterju ġdid u mal-kumpens monetarju ta' €400,000, il-kuntratt notarili għandu jintbgħat għall-attenzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal parir legali qabel jiġi iffirmat. L-ispejjeż notarili għandhom jitħallsu mill-kuntrattur. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel ittra ta' rakkomandazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar favur l-iżvilupp propost u li jaċċetta l-kumpens monetarju ta' €400,000 mill-iżviluppatur.

## 607.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

607.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-5 ta' Novembru 2024 u l-5 ta' Diċembru 2024 li kienet tammonta għal €79,315.51. Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-pagament ta' *Kelly Industries* u staqsa kemm ġew irranġati umbrelel. Is-Sindku qal li kienu ġew irranġati erba' umbrelel.

## 607.5 Ingaġġ Skrivan/a (Skala 15)

607.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kienu saru l-intervisti għall-ingaġġ ta' skrivan/a (skala 15). Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-Ingaġġ ta' Skrivan/a (Skala 15). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu 'Kandidata A' hija l-aktar kandidata adattata għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li 'Kandidata A' tiġi mpjegata mal-Kunsill bħala skrivana (skala 15).

## 607.6 Abbozz Estimi Annwali

607.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-Abbozz tal-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2025. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

607.6.2 Is-Sindku fakkar lill-membri preżenti li fis-16 ta' Diċembru kien ser ikun hemm il-laqgħa annwali pubblika.

## 607.7 Iffirmar tal-MOU – Kamra ta' rikoverazzjoni għall-qtates *stray*

607.7.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li waqt laqgħa li kellu mas-Segretarju Parlamentari għall-Ministeru tal-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, ġew diskussi l-possibbiltà ta' żewġ proġetti li jammontaw għal €50,000. Is-Sindku spjega li wieħed mill-proġetti kien jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' kamra ta' rikoverazzjoni għall-qtates *stray*, li ser tintuża bħala *recovery room* għall-qtates wara operazzjonijiet ta' *neutering* jew interventi mediċi oħra. Il-proġett kien jinkludi wkoll il-forniment ta' tagħmir neċessarju, inkluż gaġeġ, tagħmir tal-ikel, sistema ta' arja kkundizzjonata, kameras tas-sigurtà, kif ukoll sigurtà permezz ta' *fencing* u *embellishment* fejn meħtieġ. Is-Sindku ppropona li l-kamra ta' rikoverazzjoni tiġi mibnija billi jintuża *container* fiż-żona biswit id-*Dog Park.* Is-Sur Joseph Buttigieg qal li m'għandu l-ebda oġġezzjoni għal dan il-proġett, sakemm ma jaffettwax lil *St. Patrick's FC.* Is-Sindku assigura li l-kamra ma tkunx qed taffettwa lill-klabb sportiv. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet min kien se juża din il-kamra. Is-Sindku spjega li l-kamra kienet se tintuża minn voluntiera li jieħdu ħsieb il-qtates *stray.* Is-Sinjura Calleja staqsiet ukoll jekk kienx ser ikun hemm aċċess miftuħ għal din il-kamra. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u spjega li din il-kamra ser tkun protetta minn kameras tas-sigurtà. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li jiffirma l-Memorandum tal-Ftehim mal-Ministeru tal-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali biex jinkiseb il-finanzjament għall-kostruzzjoni tal-kamra ta' rikoverazzjoni għall-qtates *stray.*

607.7.2 Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li din il-kamra tiġi mibnija fiż-żona maġenb id-*Dog Park*, wara li jiġu akkwistati l-permessi meħtieġa mill-Awtorità tad-Djar u l-Awtorità tal-Ippjanar.

**Iffirmar tal-MOU – Greenhouse**

607.7.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li t-tieni Memorandum ta' Ftehim kien relatat mal-bini ta' *Greenhouse*. Is-Sindku ppropona li l-*Greenhouse* tiġi mibnija fi Ġnien il-Kunsill u li tkun utilizzata bħala servizz ta' tagħlim għat-tfal tal-iskola primarja. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jiffirma l-Memorandum ta' Ftehim mal-Ministeru tal-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali sabiex ikun hemm il-possibbiltà ta' finanzjament għal dan il-proġett.

607.7.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ż-żona proposta ta' fejn għandha ssir il-*Greenhouse* għandu jkun Ġnien il-Kunsill wara li jiġu miksuba l-permessi neċessarji.

**607.8 Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr**

607.8.1 Fis-6.45 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

607.8.2 Fis-7.07 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

607.8.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japprova n-nominazzjonijiet fil-lista annessa u li jingħataw żewġ Ġieħ Ħaż-Żabbar u ħmistax-il Ċertifikat ta' Ħajr.

**607.9 Deċiżjoni / Aġġudikazzjoni ta' offerti**

- **Servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 4/2024)**

607.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kien hemm tminn offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 4/2024) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li sitt offerti biss kienu teknikament tajba u rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-orħos offerta li kienet mingħand is-Sur Owen Borg għall-prezz ta' €209,542.20 eskluż il-VAT. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System.*

- **Tisbieħ ta'Ġnien il-Mistrieħ (ZLC 3/2024)**

607.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur responsabbli mill-kuntratt ta' tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ kien naqas milli jipprovdi l-garanzija bankarja u d-

dokumenti meħtieġa sabiex isir l-iffirmar tal-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li minkejja diversi tentattivi ta' kuntatt mal-kuntrattur, il-garanzija bankarja baqgħet ma waslitx. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi annullat il-proċess ta' selezzjoni tas-Sur Dennis Scicluna u li tiġi ppubblikata sejħa għall-offerti mill-ġdid.

607.9.3 Fuq proposta tas-Sinjorina Toshera Schembri li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għat-Tisbieħ ta'Ġnien il-Mistrieħ (ZLC 3/2024R) u li dan il-kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Perit Rodney Micallef, mis-Sur Brian Farrugia u mis-Sur Marco Cassar.

**607.10 Monument tal-Granmastru Ferdinand Von Hompesch;**

607.10.1 Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa pubblika għall-artisti sabiex jissottomettu l-proposti tagħhom għall-bini tal-Monument tal-Granmastru Ferdinand Von Hompesch. Il-proposti għandhom jinkludi disinji dettaljati, inkluż id-disinn tal-pedestall, speċifikazzjonijiet tal-materjal, skedi ta' żmien u stima tal-ispiża totali. Il-proposti għandhom jaslu l-Kunsill sal-Ġimgħa, 3 ta' Jannar 2025. Is-Sinjorina Martina Baldacchino ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

**607.11 Ittri Legali**

607.11.1 Ma kienx hemm ittri legali.

**607.12 Riżoluzzjoni Speċjali marbuta ma' deċiżjoni preċedenti dwar każ relatat ma' verdett fit-Tribunal Industrijali numru 3638GV**

607.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv iddikjarat kunflitt ta' interess dwar dan il-każ minħabba li r-rikorrenti kienet tiġi minnha.

607.12.2 Is-Sindku qara r-riżoluzzjoni quddiem il-Kunsill dwar każ relatat ma' verdett fit-Tribunal Industrijali numru 3638GV waqt il-laqgħa numru 607 li saret nhar il-Ħamis, 5 ta' Diċembru, 2024. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li r-rikorrenti kienet infurmatu li hi ma tixtieqx tiġi lura mal-Kunsill minħabba diversi raġunijiet, fosthom li l-paga tagħha kienet ser tonqos. Is-Sindku spjega wkoll li jekk il-Kunsill ma jaċċettax it-talba tar-rikorrenti, din kienet ser titlef l-impjieg fejn qiegħda *seconded.* Barra minn hekk is-Sindku qal ukoll illi hu kien ħa parir legali dwar din il-materja mingħand id-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimanent li jilqa' it-talba tar-rikorrenti sabiex tibqa' fuq il-kotba tal-Kunsill u tibqa' *seconded* ma' entità oħra.

**607.13 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

607.13.1 Is-Sur Joseph Buttigieg ippropona li l-Kunsill jipprovdi l-kotba tal-*Prize Day* għall-istudenti tal-Kulleġġ Santa Margerita. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Joseph Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament.

607.13.2 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jiġi rranġat ħajt imwaqqa' li hemm fi Triq Villabate faċċata tal-*pet shop.*

607.13.3 Is-Sur Joseph Buttigieg irrapporta li fi Triq il-Mina ta' Hompesch, quddiem il-pompa tal-petrol li hemm fil-viċinanzi ta' Triq Villabate, kien qed iżomm ħafna ilma tax-xita.

607.13.4 Is-Sinjura Anna Calleja resqet talba li kienet irċeviet mingħand residenta sabiex issir bozza ġdida fi Triq iż-Żabra.

607.13.5 Is-Sinjura Anna Calleja rrimarkat li fi Triq il-Liftija sar xogħol mill-Korporazzjoni Enemalta, iżda t-trinek ma ġewx irranġati wara li tlesta x-xogħol.

607.13.6 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jsir *patching* quddiem ir-residenza numru 26 fi Triq il-Liftija.

607.13.7 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kien qed iżomm l-ilma quddiem ir-residenza numru 151 fi Triq Santa Marija.

607.13.8 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk il-Gvern Ċentrali kienx ser iwettaq xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Lia. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Il-Kaptan Barbara mbagħad talab għal informazzjoni dwar meta kien ser jibda dan ix-xogħol. Is-Sindku spjega li m'għandux dati disponibbli dwar meta ser isir dan ix-xogħol.

**607.14 Mozzjonijiet; u**

607.14.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**607.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

607.15.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 7 ta' Jannar, 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

607.15.2 Il-laqgħa spiċċat fit-7.50 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-608 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 7 ta' Jannar, 2025.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku